**3 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Daniel *sive* Danny Cremona *noe*

*versus*

Nazzareno *sive* Ronnie Zammit *et*

***Cheque* – *Stop Payment* – Użu Kummerċjali**

*Kawża dwar stop payment ta' Cheque. Il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-Banka attriċi ma kellhiex dritt ta' azzjoni kontra l-konvenut iżda kellha dritt ta' rivalsa kontra l-kjamat fil-kawża t-traent taċ-cheque.*

*Il-Liġi Ingliża dwar iċ-Ċheques ma tapplikax għal Malta. Dwar l-użanza ta' l-istop payment għalkemm ċertament prattikata, il-Qorti ma ħassetx li tista' tikkonsidraha bħala li tammonta għal użu kummerċjali.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza appellata tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ta' l-24 ta' Ġunju, 1975, taqra hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-avviż li bih l-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' Lm20.00,0 bħala ammont lilu mħallas indebitament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Ottubru, 1974 u l-imgħaxijiet kontra l-konvenut li huwa nġunt biex jidher għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li t-talba hija nfondata stante li l-intimat qatt ma kellu relazzjonijiet kummerċjali ma' l-attur *nomine* iżda ma' Roger Ruggier u li l-flus li ġew żbankati mill-intimat kienu dovuti skond l-istess *cheque* li ġie mill-imsemmi Roger Ruggier;

Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' April, 1975 li bih ġie msejjaħ fil-kawża Roger Ruggier;

Rat il-verbal tas-27 ta' Mejju, 1975 li bih l-attur qabel li l-kjamat fil-kawża kien għamel *"stop payment"* qabel ma ssarraf iċ-*cheque;*

Semgħet lid-difensuri; il-partijiet ġew mogħtija l-fakoltà li jippreżentaw nota ta' osservazzjonijiet iżda ħadd minnhom ma għamel użu minn din il-fakoltà;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti. Roger Ruggier ħallas lill-konvenut, Nazzareno Zammit is-somma ta' Lm20 permezz ta' *cheque* fuq il-*Bank of Valletta.* Wara r-rilaxx ta' dan iċ-*cheque* Ruggier għamel *"stop payment"* ta' dan iċ-*cheque* lill-Bank filwaqt li Zammit ma kienx jaf b'dan u mar isarraf iċ-*cheque* u ta l-Lm20 lill-konvenut;

L-attur qed jitlob ir-rifużjoni ta' dawn l-Lm20 u qed jgħid li dawn il-flus ġew imħallsa indebitament lil Zammit;

Illi biex jista' jingħad li jkun hemm arrikiment indebitu jeħtieġ li wieħed jirċievi xi ħaġa li ma tkunx dovuta u li min ħallas ikun għamel hekk bi żball. L-artikolu 1064 tal-Kodiċi Ċivili jgħid "Kull min jirċevi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dawk li mingħandu jkun irċeviha bla jedd";

Il-prova ta' l-indebitu tinkombi lil min jallegaha u dan irid jipprova mhux biss il-pagament iżda wkoll li l-pagament ma kienx dovut u b'dan sar l-iżball (App. Inferjuri Grech *vs* Arrigo *noe* 28 ta' Frar, 1972);

Illi l-konvenut irċeva l-ħlas ta' flus li kienu lilu dovuti skond iċ-*cheque*. Iċ-*cheque* stess jintitolah jitħallas l-ammont indikat fuqu. L-artikolu 318 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jgħid li *cheques* jitħallsu mal-preżentata tagħhom. Bl-ebda mod ma jista' jingħad li Zammit irċieva xi ħaġa li ma kinetx dovuta, għaliex huwa sarraf titolu li kien qiegħed f'idejh bi dritt;

Illi fir-relazzjonijiet bejn il-bank u l-klijent, f'dan il-każ l-imsejjaħ fil-kawża kien hemm nuqqas da parte tal-bank meta ħallas nonostante l-"*istop payment*". Ir-relazzjonijiet bejn il-bank u l-klijent huma f'dawn il-każijiet ekwiparenti għall-mandat fis-sens li d-"*drawer*" jagħti mandat lill-bank biex iħallas lill-persuna msemmija fiċ-*cheque* l-ammont hemm indikat mill-flus li huwa jkollu f'idejn il-bank. Dan il-mandat jista' jiġi revokat sakemm ma jkunx għadu ġie esegwit. Jekk il-bank iħallas nonostante r-revoka tal-mandat ikollu jbati hu l-konsegwenzi. Maurice Magrab "*Paget's Law of Banking*" jgħid a fol. 190: "*A banker paying a cheque after it has been effectively countermanded is liable to his customer for the amount and may be unable to debit the drawer's account*". L-istess jgħid Mather

*"Banker & Customer Relationship..."* a fol. 103 u ċjoè *"The drawer has the right to stop payment at any time before it is paid by the drawer Bank. Carelessness may entail loss to the Bank"*;

Illi għalhekk it-talba ta' l-attur tirriżulta nfondata tant fil-konfront tal-konvenut kif ukoll ta' l-imsejjaħ fil-kawża;

Għaldaqstant:

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba ta' l-attur *noe* bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat a fol. 16 in-nota ta' l-appell ta' l-attur *nomine* u a fol. 18 iċ-ċitazzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata;

Rat a fol. 22 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat Ruggier li biha ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma minn din il-Qorti;

Rat a fol. 23 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat li biha eċċepixxa li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 1980 li bih innominat bħala Perit Legali lill-Professur Joseph Micallef biex jirrelata fuq il-fondatezza tad-domandi attriċi u jagħmel kull osservazzjoni oħra li għandha x'taqsam mal-każ, u in partikolari, jekk jeżistix id-dritt tat-traent ta' *'cheque'* li jagħmel *stop payment* li jkun

ħallas bih, jekk fil-każ jeżisti d-dritt tad-*'drawer'* li jżomm iċ-*'cheque'*, il-Bank (li jkun ħallas biċ-*'cheque'* bi żball nonostante l-*istop payment)* għandux dritt/azzjoni bbażat fuq l-indebitu, kontra l-*"payee"* mħallas, (u *"payment under a mistake of fact"*, u jekk il-Qorti għandhiex tagħmel indaġini fir-relazzjonijiet bejn id-*"drawer" u l-"payee"* biex tistabbilixxi, jekk id-*"drawer"* kellux raġuni valida biex jagħmel l-*istop payment;*

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Ġudizzjarju Professur Dottor Joseph A. Micallef ippreżentata fit-30 ta' Lulju, 1984, minnu maħlufa fit-2 ta' April, 1985, u li tinsab fil-proċess minn fol. 138 sa 172;

Rat id-diversi noti ta' osservazzjonijiet ta' l-atti għas-soċjetà attriċi;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tara li huwa doveruż tissenjala li apprezzat ħafna l-mod akkurat u erudit li bih il-Perit Ġudizzjarju espleta l-inkarigu lilu mogħti;

Il-Perit Ġudizzjarju wasal għal dawn il-konklużjonijiet u ċjoè:

1. Li l-ewwel Qorti għamlet sew meta qalet li l-konvenut Zammit bħala pussessur taċ-*cheque* kellu d-dritt għall-flus;

2 Li jekk dan huwa aċċettat il-kont tat-traent *(drawer)* għandu jiġi addebitat bl-ammont in kwistjoni dana speċjalment tenut kont tal-prinċipju li d-*drawer* li ma jkunx irrimetta fondi lit-trattarju biex iħallas huwa dejjem responsabbli;

3. Illi dwar il-kwistjoni jekk il-Qorti għandhiex tagħmel indaġini fir-relazzjonijiet bejn id-*'drawer'* u l-*''payee''*, għandu jiġi osservat li hawnhekk m'għandniex lil Ronnie Zammit bħala *payee*, iżda kellna lill-*Barclays Bank*, (illum *Mid-Med Bank* huwa suċċessur tiegħu) bħala ġiratarju taċ-*cheque* li għalih id-*drawer* huwa responsabbli u għalhekk ladarba dana tħallas u jkun tħallas skond il-liġi, il-Bank trattarju għandu jaddebita lil min ħareġ iċ-*cheque*, ladarba l-istess Bank ma riedx minn rajh iwaqqaf iċ-*cheque*, anzi aġixxa ġudizzjarjament biex ikun awtorizzat jaddebita lill-klijent tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta miċ-*cheque* esebit li l-konvenut Zammit kien iġġira dan iċ-*cheque* lill-*Barclays Bank International Ltd* fil-*branch* tiegħu San Ġiljan;

L-għada dan iċ-*cheque* reġa' ġie ġġirat mill-*Barclays* lin-*National Bank of Malta*. Iċ-*cheque* ma kienx *''pay only''* u għalhekk seta jiġi ġġirat;

Waqt li saru dawn it-transazzjonijiet it-traent Ruggier għamel *stop payment* għand in-*National Bank;*

Il-liġi Maltija li tirregola l-materja tinsab fil-Kodiċi Kummerċjali fl-artikoli 123 sa 263;

Din il-Qorti taqbel mal-Perit Ġudizzjarju għall-istess raġunijiet *minnu esposti fil-paġni 21 sa 23 tar-relazzjoni tiegħu* li r-relazzjonijiet ta' bejn it-traent u t-trattarju m'humiex in realtà ta' Principal u Mandatarju, iżda ta' għoti ta' ordnijiet mit-traent li għandu r-responsabbilità fl-aħħar li jħallas u jonora ċ-*cheque;*

Din il-Qorti taqbel ukoll miegħu li l-Bank għandu preżunzjoni u obbligazzjoni impliċita li jħallas u l-aċċettazzjoni hija kkunsidrata legalment li avverrat ruħha mal-preżentata taċ-*cheque* u li fil-każ ta' *"marking"* jew *"certified cheque"* dana fil-fatt jitbiddel f'*bankers draft* li huwa kambjala piena. Inoltre taqbel ukoll li *cheque* għandu l-preżunzjoni ta' l-eżistenza tal-fondi għand it-trattarju;

Fl-aħħarnett din il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Ġudizzjarju li in materja ta' *cheques* għal dak li jirrigwarda *stop payments* fil-liġi Maltija wieħed għandu jħares lejn il-liġi tal-kambjalijiet peress li ma teżisti ebda dispożizzjoni *ad hoc* u li partikolarment f'każ ta' *cheque "to order"* dan għandu jiġi kkunsidrat bħala soġġett għal-liġi kambjarja;

Ikkunsidrat dan wieħed ma jistax ma jinnotax li meta ġie ġġirat iċ-*cheque* dan mar għand il-*Barclays Bank* mhux *"for collection"* iżda bħala pussessur u t-titolari tiegħu. Kieku l-*istop payment* kien effettiv, jiġifieri, mhux Ronnie Zammit ma kienx jitħallas imma l-*Barclays Bank* u dan kien ikollu jagħmel protest kontra Ruggier biex iżomm ħaj favur tiegħu d-dritt għall-azzjoni ta' rigress. *Barclays Bank* għalhekk ma kienx *"collecting banker";*

Minn dan kollu joħorġu dawn il-konklużjonijiet u ċjoè:

1. Li l-ewwel Qorti ddeċidiet konformement mal-prinċipji kambjarji meta qalet li Zammit kellu titolu validu u seta' jiżbanka;

2. L-istess sentenza però ma kinetx eżatta meta rriteniet li skond il-liġi kambjarja r-relazzjonijiet ta' bejn it-traent u t-trattarju għandhom jiġu kkunsidrati bħala dawk ta' sempliċi mandat revokabbli. Kif spjega l-Perit Ġudizzjarju, u din il-Qorti taqbel miegħu, l-ewwel Qorti rriteniet dan fuq il-bażi tal-liġi Ingliża ma tapplikax għal Malta;

3. L-użanza ta' l-*istop payment,* li għalkemm ċertament prattikata, din il-Qorti ma tħossx li tista' tikkonsidraha bħala li tammonta għal użu kummerċjali, anki għaliex tmur direttament kontra d-dispożizzjonijiet u n-natura tal-liġi kummerċjali kambjarja nostrana li għandha tipprevali;

Għal dawn il-motivi, għalhekk tiddisponi mill-appell billi tiċħdu nkwantu jirrigwarda l-appellat Zammit u għalhekk fir-rigward ta' dan l-appellat tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż iżda tilqgħu kwantu jirrigwarda l-kjamat fil-kawża li fil-konfront tiegħu l-attur *nomine* għandu dritt ta' rivalsa. L-ispejjeż kollha, salv dawk ġà deċiżi, stante n-natura komplessa tal-punti legali nvoluti jitħallsu mill-bank u mill-appellat Ruggier nofs kull wieħed inklużi dawk tal-prim'istanza.